MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 498/2003

**The Golden Shepherd Group Limited**

**vs**

**Felicity Pace**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Marzu, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u ghoxrin lira Maltija (Lm220), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' servizzi u kura medika pprovduti lilha u dana jirrizulta mill-invoice numru 1014450, kopja hawn annessa mat-talba bhala Dok A.;**

**1. Il-konvenuta unilateralment iddecidiet li tnaqqas il-prezz dovut ghal kirugija b'mija u hamsin lira Maltin (Lm150) u cioe' minn tmien mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm895) ghal seba' mija u hamsa u erbghin**

**lira Maltin (Lm745) kif ukoll iddecidiet tnaqqas il-prezz ghall-akkomodazzjoni taghha gewwa l-Isptar San Filippu ghal zmien ta’ sebat iljieli bl-ammont ta’ sebghin lira Maltin (Lm70), u cioe’ minn erba’ mija u ghoxrin lira Maltin (Lm420) ghal tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350);**

**2. Il-prezz ghall-imsemmijin servizzi u kura medika pprovduti lill-konvenuta kienu accettati minnha u s-socjeta’ attrici ma setghetx trahhas il-prezz izjed u dan il-fatt giet kkomunikat lill-konvenuta permezz ta’ ittra ta’ l-10 ta’ April 2002 li kopja giet annessa bhala Dok B;**

**3. Il-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas ghas-servizzi u kura fuq imsemmija u xorta baqghet inadempjenti.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata ta’ l-20 ta’ Dicembru, 2002, anexa ma’ l-avviz bhala Dok C u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-interpellanza sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta pprezentata fis- 26 ta’ Marzu, 2003, li fiha ntqal:**

**Ili dan it-Tribunal mhux kompetenti biex jiehu konjizzjoni tal-kawza billi l-ammont involut mhux ta’ kompetenza ta’ dan il-Bord;**

**Illi t-talbiet tas-socjeta’ attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha billi ma jonqos ebda ammont dovut lis-socjeta’ attrici stante illi kien sar hlas fl-ammont ta’ Lm2768.88 a saldu ta’ kull pretensjoni li seta’ kellha s-socjeta’ attrici;**

**Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante illi huma esagerati u ma jikkonformawx mat-tariffa legali ai termini tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta (Ordinanza**

**Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha).**

**Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante illi s-socjeta' attrici qatt ma ppubblikat il-lista tal-prezzijiet taghha kif kienet obbligata li taghmel;**

**Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li huma esagerati, ma jikkonformawx la mit-tariffa legali kif fuq diga msemmi u lanqas mal-prezzijiet konswetudinali;**

**Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante illi l-ammont imsemmi ghall-kirurgija semmai mhijiex dovuta lis-socjeta' attrici izda lill-kirurgu;**

**Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante illi kien sar "over charging" u illi l-konvenuta kienet ghamlet hlas eccessiv;**

**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Ikkunsidra:**
**1. Din id-decizzjoni qed tigi limitata ghall-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut dwar il-kompetenza tat-Tribunal ratione valoris.**

**2. Fir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghall-artikolu 3 (ii) fejn jinghad: bla hsara ghas-sub-artikolu 5, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikollu jkollu gurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-Talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux izjed minn elf u hames mitt lira.**

**3. Fil-kaz odjern, t-talba attrici qed tispecifika l-ammont ta' mitejn u ghoxrin lira (Lm220) u ghalkemm dana l-ammont jista' jkun rizultanti mill-invoice esibit Dokument A, liema invoice kien ghas-somma ta' elfejn disa' mija tmienja u tmenin lira u tmenin centezmu**

**(Lm2988.80c), dana l-ammont mitlub qed jirrigwarda tnaqqis ta' prezz ghal ammonti specifici u cioe' kirurgija u akkomodazzjoni.**

**4. It-Tribunal jirrileva illi fic-cirkostanzi din it-talba taqa' fil-parametri tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar, in kwantu dak li qed jigi ndagat ma huwiex l-ammont intier, izda ammonti specifici li ma jeccedux il-kompetenza tat-Tribunal kif inghad.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuta u jordna l-prosegwiment fil-meritu.**

Spejjez riservati ghal gudizzju finali.

--------------------------------TMIEM--------------------------------